***- MANDAT TA' INIBIZZJONI –***

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## IMHALLEF

## ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

## Digriet tallum il-Gimgha, 17 ta' Frar 2017.

**Rikors Numru: 255/2017/LSO**

**Rikors ghall-hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni Numru 255/2017/LSO fl-ismijiet:-**

**MBR Publications Limited – C66371**

**vs**

**Yachting Malta Limited – C70369;**
**u**

**Royal Malta Yacht Club**

**Il-Qorti,**

**I. PRELIMINARI.**

Rat ir-rikors ta' MBR Publications Limited tal-15 ta' Frar 2017 ghall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni kontra l-intimati premessi. Ir-rikorrenti qed titlob li l-intimati jinzammu milli jippermettu jew ihallu li tinzamm jew li ssir l-attivita' ossia l-avveniment irreklamat bhala *"Yachting Malta Awards 2017" stante* pregudizzju u telf sostanzjali li jista' jigi rekat lir-rikorrenti.

Illi r-rikorrenti ppremettew li wara li nharget *expression of interest*, bdiet tassisti lis-socjeta' intimata fl-organizzazzjoni u r-reklamar tal-attivita' imsemmija u anke konsulenzi billi *"l-intendiment car kien li s-socjeta' rikorrenti kienet ser tigi inkarigata bir-rispett tal-istess.*" Madanakollu s-socjeta' rikorrenti allegat li l-intimata ibbenefikat indebitament minn tali konsulenzi billi organizzat l-avveniment hi stess. Ghalhekk talbet il-hrug ta' tali mandat.

Rat ir-risposti datati 16 ta' Frar 2017 fejn l-intimati opponew ghat-talba *inter alia* bhala wahda vessatorja *stante* li giet intavolata biss 48 siegha qabel l-avveniment li ghandu jsir fis-17 ta' Frar 2017, l-organizzazzjoni ilha ghaddejja ghal diversi xhur u dahhlu f'obbligi ma' terzi inkluz il-lukanda fejn ser jinzamm l-avveniment. Inoltre cahdu l-pretensjoni li kien hemm ftehim bejn il-kontendenti kif allegat ghalkemm kien

hemm tahditiet li, izda, ma waslux ghall-konkluzjoni ta' ftehim. Inoltre eccipew li ma hemmx htiega ghall-hrug tal-Mandat u li l-allegazzjonijiet maghmula mis-socjeta' rikorrenti huma qarrieqa.

Rat il-verbal tas-seduta tas-17 ta' Frar 2017 fejn meta ssejhet il-kawza dehru Dr Andy Ellul, Dr Keith Borg, Dr Stephanie Abela ghas-socjeta` MBR Publications Ltd. Dehru Dr Daniel Buttigieg ghal Royal Malta Yacht Club u Godwin Zammit rapprezentant tal-istess, u Dr Michael Tanti Dougall u Dr Rosette Cassar ghall-Malta Yachting Ltd. rapprezentanta minn Wilfred Buttigieg fl-Awla. Xehed bil-gurament tieghu Martin Vella, liema xhieda giet registrata fuq is-sistema eletronika, li esebixxa xi dokumenti. Dr Michael Tanti Dougall prezenta Dok MTD1 u MTD2. Xehed bil-gurament tieghu Wilfred Buttigieg, liema xhieda giet registrata fuq is-sistema eletronika, li esebixxa xi dokumenti. Il-Qorti semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet. Ir-rikors gie differit ghal digriet kamerali.

## <u>II. KONSIDERAZZJONJIET.</u>

### Fatti u Provi fil-Qosor

Illi jirrizulta li f'Awwissu tas-sena 2017 inhraget *expression of interest* minn Yachting Malta Limited li hija sussidjarja ta' Projects Malta Limited u li sussegwentement is-socjeta' rikorrenti ghamlet kuntatt ma' wiehed mid-Diretturi ta' din is-socjeta' sabiex jiddiskutu s-servizzi li tista' toffri fir-rigward tal-Yachting Awards. Kien hemm xi laqghat u anke

skambju ta' *emails* bejn Martin Vella ghas-socjeta' rikorrenti u Wilfred Buttigieg ghas-socjeta' intimata. Madanakollu f'zewg emails datati id-9 u s-16 ta' Jannar 2017 rispettivament Martin Vella gie mgharraf li l-proposta tieghu ma gietx accettata.

Illi l-mandat odjern gie intavolat nhar il-Erbgha 15 ta' Frar 2017 u tela' fis-sigrieta ta' din il-Qorti wara l-hin tal-gheluq tar-Registru. Il-Qorti ghalhekk kellha takkorcja l-hinijiet soliti sabiex l-intimati iwiegbu u appuntat is-smigh bl-urgenza.

**Xhieda**

Xehedu Martin Vella u Wilfred Buttigieg ghar-rikorrenti u ghall-intimata Yachting Malta Limited rispettivament.

Martin Vella xehed dwar il-laqghat u l-korrispondenza li kellu ma' Wilfred Buttigieg izda kkonferma li ma kienx hemm ftehim bl-iskritt. Madanakollu xehed li ppropona l-*compere*, Thea Saliba, lis-socjeta' rikorrenti ghall-fini tal-avveniment kif ukoll zewg *sponsors* li kienu kuntatti tieghu u ssuggerixxa l-*venue*. Inoltre esebixxa diversi *emails* fejn gew diskussi rati ta' *commissions* ghall-bejgh ta' biljetti. Allega li s-socjeta' intimata uzat il-*marketing plans* u programm tieghu ghall-fini tal-avveniment imsemmi.

In kontro ezami ammetta li kien jaf li l-proposta tieghu giet rifjutata fid-9 ta' Jannar 2017 u stenna sal-15 ta' Frar 2017 biex iressaq it-talba odjerna ghaliex ipprezenta protest

gudizzjarju qabel. Qal ukoll li ma kienx qed jghid li it-*tender* rebhu hu.

Wilfred Buttigieg xehed li l-*expression of interest* ma hargitx biss fir-rigward tal-avveniment imma kienet tindirizza servizzi ohra. Hu kkonferma li kien hemm laqghat bejnu u Martin Vella izda li ma kienx hemm ftehim kontrarjament ghal dak allegat mir-rikorrent. Xehed li s-socjeta' tieghu ghandha impjegata li tiehu hsieb il-*marketing* u li l-i*sponsors* ghall-avveniment gabuhom huma. L-uniku koncessjoni li ghamel rigward suggeriment tar-rikorrenti kien fil-konfront tal-*compere*, Thea Saliba, li kienet issuggerita minn Martin Vella. Esebixxa diversi *e-mails* u dokumenti fosthom iz-zewg *e-mails* datati d-9 u s-16 ta' Jannar 2017 fejn Martin Vella gie infurmat li l-proposta tieghu ma kenitx giex accettata.

Illi in kontro ezami xehed li s-socjeta' rikorrenti ma kienitx ser tinghata xi rikonoxximent fl-avveniment.

Applikati dawn il-principji ghall-kaz odjern il-Qorti ser taghmel is-segwenti kostatazzjonijiet.

**Dritt**

Premess li l-ghan ta' talba ghall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni huwa dak li jzomm persuna milli taghmel xi haga li tista' tkun ta' hsara jew pregudizzju lil parti li titlob il-hrug tal-mandat.

Bil-ligi jehtieg li r-rikorrenti juri zewg hwejjeg biex ikun jisthoqqlu jikseb il-hrug ta' mandat bhal dak. L-ewwel haga li jrid juri hi li l-mandat huwa mehtieg biex jitharsu l-jeddijiet pretizi mir-rikorrenti tant li bin-nuqqas ta' hrug tieghu ir-rikorrenti ser isofri pregudizzju;[1] it-tieni haga hi li r-rikorrent ikun jidher li ghandu *prima facie* dawk il-jeddijiet.[2] Dawn iz-zewg elementi huma kumulattivi u mhux alternattivi u jekk xi wiehed minn dawn iz-zewg elementi ma jirrizultax, il-Qorti ghandha tichad it-talba ghall-hrug ta' mandat bhal dak; inoltre huma kriterji oggettivi u fl-applikazzjoni tal-ligi dwar kif u meta ghandu jinhareg mandat il-Qorti ghandha tuza interpretazzjoni restrittiva. Dan ghaliex il-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni bhal kull mandat kawtelatorju isir fi zmien meta l-pretensjoni ma tkunx ghadha giet guridikament accertata u stabbilita.

**Artiklu 832 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta – Nullita 'ex officio'.**

Il-fatt li t-talba odjerna hija rizolvibbli f'talba ghall-kumpens u tissolleva wkoll kwistjoni ta' validita' tal-istess mandat fit-termini **tal-artikolu 832 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta** li jiddisponi:

***832.*** *Meta l-jedd li wieħed irid iqiegħed fiż-żgur bil-mandat ikun kreditu, jew pretensjoni li tista' tkun sodisfatta bi ħlas ta' somma*

[1] Ara f'dan is-sens *"**Grech proprio et nomine vs Manfre**"* – A.C. – Dec.14 ta' Lulju 1988 – Vol. LXXII.ii.290; u "***40, Main Street Catering Establishment Limited vs L-Awtorita` tal-Ippjanar"*** (P.A. (RCP) - Dec. 2 ta' Novembru 2010.

[2] Ara f'dan is-sens **"*Emmanuel Sammut -v- Josephine Sammut* "** P.A.(TM)-dec.5.06.2003.

*ta' flus, ir-rikorrent fid-dikjarazzjoni bil-ġurament imsemmija fl-aħħar artikolu qabel dan, għandu jgħid kemm hija bejn wieħed u ieħor, fil-fehma tiegħu, is-somma tal-kreditu jew pretensjoni tiegħu, u jekk tkun ġiet preżentata kawża fil-qorti, dik it-talba tista' tispeċifika u tinkludi l-ispejjeż ġudizzjarji, taħt piena tan-nullità tal-mandat.*

Ir-rikors odjern sar fit-termini **tal-artikolu 873 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malt**a izda ma hemmx ammont likwidat imqar approssivament *in linea* ta' danni pretizi.

Ikkonsidrat li n-nullita` sancita b**l-artikolu 832 tal-Kap 12** hija wahda assoluta u tassattiva billi l-istess ligi timponi s-sanzjoni ta' nullita' jekk ebda ammont approssimattiv ma jigi indikat bhala l-kreditu dovut. Dan l-artikolu huwa wieħed mill-ftit li jsemmi din il-konsegwenza espressament u n-nullita' hija wahda assoluta.

Illi inoltre id-difett imsemmi huwa anke stabbilit tassativament fost dawk il-partikolaritajiet stipulati **bl-artiklu 831(1) (b) tal-Kap 12**.

(Ara Digriet ta' din il-Qorti kif attwalment presjeduta fil-kaz fl-ismijiet **Paul Caruana vs Global Executive Search (Malta) Ltd et** deciz fil-31 ta' Jannar 2017 fejn giet iccitata gurisprudenza fil-materja).

Ikkonsidrat li n-nullita' tal-mandat ma gietx eccepita ghalkemm din il-Qorti hija fid-dover li tqajjimha *ex ufficio.*

Madanakollu din il-Qorti m'ghandhiex tikkonferma definitivament l-hrug ta' mandat gjaladarba dan jikkozza mad-disposizzjonijiet imsemmija tal-ligi.

Illi l-Qorti tista' tieqaf hawn izda ghall-kompletezza ser tindirizza t-talbiet maghmula.

**Royal Malta Yacht Club**

Illi fil-kors tat-trattazzjoni gie rilevat li l-RMYC giet citata biss minhabba li hija azzjonista f'Yachting Malta Limited u billi rapprezentant tal-Club kien prezenti waqt xi laqgha.L-istess RMYC eccepiet li t-trattativi bejn ir-rikorrenti u s-socjeta' intimata jikkostitwixxu *res inter alios acta.*

Il-Qorti taqbel ma din is-sottomissjoni u billi ma jirrizultax li l-RMYC kienet ivoluta fil-hrug tal-*expression of interest* u lamqas li hija responsabbli guridikament ghall-avveniment, din il-Qorti tqis li ma hemmx relazzjoni guridika bejn is-socjeta` rikorrenti u l-RMYC u tillibera l-istess mill-osservanza tal-gudizzju.

**Talba fil-konfront ta' Yachting Malta Limited**

**Htiega Irrimedjabbli**

Applikati l-principji guridici fuq premessi u wara li rat il-provi prodotti, semghet ix-xhieda u t-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet din il-Qorti hija tal-fehma li t-talba odjerna tfalli billi ma tissoddisfax l-element ta' htiega irrimedjabbli u, kif ser

jirrisulta 'l quddiem, tal-prova mehtiega imqar fuq basi *prima facie* ta' dritt. Il-pretensjoni tar-rikorrenti tissarraf f'talba ghar-rizarciment tad-danni ghas-servizzi rezi u konsulenzi moghtija, f'kaz li tirnexxi fil-mertu u ghalhekk is-socjeta` rikorrenti ghandha rimedji ohra ghad-dispozizzjoni taghha imma certament mhux dak odjern.

**Dritt *Prima Facie***

Illi fil-fehma ta' din il-Qorti r-rikorrent lanqas irnexxielu jipprova dritt *prima facie* in sostenn tat-talbiet tieghu. Ma ressaqx prova ta' ftehim milhuq u lanqas li gew utilizzati xi idejat esklussivament tieghu ghall-fini tal-avveniment in mertu. Jista' jkun li indagni aktar approfondita tikkonforta l-pretensjonijiet tieghu, izda dan huwa riservat ghall-kontestazzjoni fil-mertu.

Certament illum il-Qorti tqies li ma jirrizultax provat *prima facie* li kien hemm xi ftehim dwar is-servizzi u konsulenzi li seta' offra r-rikorrent u lanqas dwar il-hlas tal-istess. Anzi Wilfred Buttigieg xehed li l-avveniment kien ilu ppjanat minn qabel il-hrug tal-*expression of interest,* u li s-socjeta` tieghu timpjega persuna addetta mill-*marketing*. Inoltre spjega kif akkwista l-i*sponsors* bl-intervent ta' terzi persuni u li ma kienx hemm qbil fuq ir-rata ta' *commissions* fuq bejgh ta' biljetti mar-rikorrenti.

**Ghaldaqstant fid-dawl tal-premess il-Qorti tqies li l-mandat ma jissoddisfax l-elementi mehtiega mill-artikolu 873 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta u dan**

**apparti l-konsiderazzjoni taghha dwar il-validita` tal-mandat.**

**Fl-ahharnett il-Qorti trid tfisser id-dispjacir dwar il-mod kif intalab dan il-mandat u taqbel ma dak sostnut mill-intimati u cioe`, li din it-talba hija wahda vessatorja.**

Ikkonsidrat li l-avveniment huwa "gala event" f'lukanda ewlenija, b'ikel, muzika u bil-partecipazzjoni tal-pubbliku. Avveniment simili ma jithejjix mil-lum ghall-ghada u ghalhekk il-preparattivi ilhom ghaddejjin. *Nonostante* dan, ir-rikorrenti ghazlet li tintavola l-mandat odjern biss 48 siegha qabel id-data tal-avveniment minnkejja li kienet ilha avzata mis-16 ta' Jannar 2017 li l-offerta taghha giet rifjutata mis-socjeta` intimata.

Illi fil-fehma ta' din il-Qorti l-agir tar-rikorrenti kien abbuziv u immirat biex ipoggi lis-socjeta` intimata fi zvantagg sproporzjonat u biex iggibha darha mal-hajt, proprju lejlet l-avveniment b'dannu konsegwenzjali ghall-istess socjeta` intimata. Dan ukoll partikolarment meta wiehed iqis li s-socjeta` intimata hija marbuta b'obbligi kuntrattwali ma' terzi. Kif gie ribadit fil-kaz **Pauline Vassallo vs The Eden Foundation et**:

*"Il-jedd li wiehed idur ghal rimedji gudizzjarji ma ghandux jitbiddel f'abbuz tal-procedura bil-hsieb li, biex idejjaq jew b'mod fieragh, igib lill-parti avversarja f'qaghda li jkollha ccedi ghar-rikatt, ghandha jew m'ghandhiex ragun. ..."*

Il-Qorti ma tistax hlief tikkundanna tali agir fil-kuntest ta' dak li sehh fil-kaz odjern.

## III. KONKLUZJONI.

Ghaldaqstant ghal dawn il-motivi l-Qorti, filwaqt li tillibera lill-Royal Malta Yacht Club mill-osservanza tal-gudizzju, tirrevoka *contrario imperio* d-digriet taghha tal-15 ta' Frar 2017 u tichad it-talba billi ssib li r-rikors huwa null fit-termini **tal-artikolu 832 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta,** u f'kull kaz, billi ma tissoddisfax l-elementi rikjesti sostantivament ghall-hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni.

L-ispejjez jigu sopportati mis-socjeta' rikorrenti.

**Degretat.**

**Onor. Mhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**17 ta' Frar 2017**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**17 ta' Frar 2017**